**9 ta' Marzu, 1994**

**Imħallfin:-**

**S.T.O.Prof. Guseppe Mifsud Bonniċi LL.D. – President.**
**Onor Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor Noel V. Arrigo LL.D.**

Carmelo Borg *pro et noe*

*versus*

Doris armla ta' Carmelo Borg

## Legat ta' Ħaġa ta' Ħaddieħor

*Il-legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor ma jiswiex ħlief jekk ikun hemm dikjarat fit-testment li t-testatur kien jaf li l-ħaġa kienet ta' ħaddieħor u mhux tiegħu.*

*Hu wkoll paċifiku li n-nullità tokkorri anki fejn l-oġġett tal-legat kien biss in parti proprjetà ta' terzi. F'din l-eventwalità l-legat jista' jkun validu biss fir-rigward ta' dik il-parti mill-oġġett li jkun propjetà tat-testatur.*

Il-Qorti: –

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-3 ta' Ottubru, 1991, li tgħid hekk:-

"Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni tas-6 ta' Diċembru, 1990, li bih l-attur nomine wara li ppremetta illi l-atturi huma ko-proprjetarji tal-fond 157, Bridge Street, Mosta, lilhom pervenut mill-ereditajiet tal-ġenituri tagħhom, Carmelo u Ġiuseppa konjuġi Borg u li skond l-aħħar testment ta' missierhom mat-tieni mara tiegħu, il-konvenuta, iddatat 17 ta' Jannar, 1985, atti Nutar Francis Micallef, l-istess missierhom ħalla b'titolu ta' legat lill-konvenuta d-dritt ta' l-użu u abitazzjoni gratwita tal-fond de quo;

U wara li ppremettew illi l-preċitat legat huwa null u bla effett in kwantu missierhom ma setax iħalli legat bħal dan galadarba l-fond ma kienx jappartjeni interament lilu u galadarba ma saret l-ebda dikjarazzjoni illi huwa kien jaf li qed jagħmel laxxitu ta' ħwejjeġ ta' ħaddieħor u li għalhekk il-konvenuta qed tokkupa l-fond bla ebda jedd u titolu validu fil-liġi;

Talbu l-istess atturi għaliex din il-Qorti m'għandhiex;-

(1) prevja d-dikjarazzjoni illi l-legat tad-dritt ta' l-użu u abitazzjoni tal-fond 157, Bridge Street, Mosta, hekk imħolli lill-konvenuta bit-testment 'unica charta' tas-17 ta' Jannar, 1985, in atti Nutar Francis Micallef huwa null u bla effett u dan għar-raġunijiet fuq imsemmija u dawk l-oħra stabbiliti mil-liġi;

(2) prevja wkoll id-dikjarazzjoni illi l-konvenuta qed tokkupa l-imsemmi fond bla ebda dritt jew titolu validu fil-liġi;

(3) konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenuta biex fi żmien qasir u perentorju, li dina Qorti jogħġobha tipprefiġġi, tiżgombra mill-fond de quo u tħallih liberu a favur ta' l-atturi;

Bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li biha eċċepiet illi preliminarjament l-attur għandu jipprova l-prokura u l-mandat tiegħu ta' l-imsiefra ħutu Victor Borg, Josephine mart Joseph Vella u Marju mart Carmelo Cilia u li bla preġudizzju għall-premess jidher illi hemm si ambigwità dwar l-identità tal-fond *'de quo'* għaliex il-mejjet Carmelo Borg, li kien miżżewweġ lill-konvenuta u missier l-atturi permezz ta' kuntratt ippubblikata

minn Nutar Dottor Maurice Gambin tas-27 ta' Settembru, 1974, kopja esibita Dok "D", kien akkwista fond 159, Bridge Street, Mosta li jifforma parti mill-fond reklamat mill-atturi u dan matul iż-żwieġ tiegħu mal-konvenuta Doris Borg; fuq dan żgur illi ma jista' jkun hemm ebda kwistjoni ta' nullità ta' legat; *inoltre* dan Carmelo Borg kien għamel diversi xogħlijiet u alterazzjonijiet *strutturali fil-fond* 157, Bridge Street, *Mosta, kif jirriżulta mill-*pjanta annessa Dok "E";

Illi kwantu għan-nullità tal-laxxitu rreklamat mill-atturi, fil-fatt dan huwa biss denominat bħala legat, iżda fil-fatt huwa każ ta' użufrutt ġenerali u tgawdija tal-fond in diskussjoni, għaldaqstant dak illi qed jippretendu l-atturi m'huwiex applikabbli u li għaldaqstant it-talbiet ta' l-atturi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż...

*Omissis;*

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Rat in-noti tas-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri;

Semgħet it-trattazzjoni;

Rat il-verbali ta' l-20 ta' Ġunju, 1991, li bih il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat:-

F'din il-kawża l-atturi li huma lkoll kopropjetarji tal-fond 157, Bridge Street, Mosta, lilhom pervenut mill-ereditajiet tal-ġenituri tagħhom, qed jikkontestaw il-validità ta' legat imħolli minn missierhom bit-testment tas-17 ta' Jannar, 1985, lill-konvenuta li bih ħalla lilna d-dritt ta' l-użu u abitazzjoni gratwita vita durante, ċjoè, tul ħajjitha kollha. Hu paċifiku bejn il-kontendenti li l-fond oġġett tal-legat ma kienx kollu kemm hu proprjetà tat-testatur, la meta għamel it-testment li bih istitwixxa l-legat, lanqas fil-mument tal-mewt tiegħu, meta presumibbilment il-legat għadda għand il-konvenuta. Jaqblu għalhekk illi l-legat kien fil-fatt, fil-parti l-kbira tiegħu, laxxitu ta' ħwejjjeġ ħaddieħor, in kwantu hemm qbil li l-atturi kienu ko-proprjetarji tal-fond, b'isimha li huma wirtu mingħand ommhom, l-ewwel mara ta' Carmelo Borg li wara żżewweġ lill-konvenuta;

Il-kawża tippernja ruħha fuq l-interpretazzjoni korretta ta' l-Artikolu 696 tal-Kodiċi Ċivili li jipprovvdi testwalment illi "il-legat tal-ħaġa ta' ħaddieħor ma jiswiex, **ħlief jekk ikun hemm dikjarat fit-testment illi (testatur) kien jaf li l-ħaġa kienet ta' ħaddieħor u mhux tiegħu....**";

**Hu paċifiku li tali dikjarazzjoni ma saritx f'artikolu li bih ġie istitwit il-legat impunjat. Il-kliem tal-liġi hu ċar u tassattiv. Hekk ġie interpretat fil-ġurisprudenza kostanti in materja, abilment elenkata fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-atturi. Mhux il-każ li hawn tiġi riportata. Imma ser issir biss riferenza għall-kawża "Paola Zammit vs. Rose Zammit" deċiża fit-28 ta' Ġunju, 1957 (Vol. XLI, P.I, pg. 448) fejn mhux biss ġiet riprodotta l-każistika, imma ġew riaffermati l-prinċipji dottrinali li huma l-bażi ta' l-artikolu. Hu wkoll paċifiku li n-nullità tokkorri anki fejn l-oġġett tal-legat kien biss in parti propjetà ta' terzi.**

F'din l-eventwalità l-legat jista' jkun validu biss fir-rigward ta' dik il-parti mill-oġġett li jkun propjetà tat-testatur. Fil-kaz in eżami, billi l-legat hu wieħed ta' dritt ta' użu u abitazzjoni ta' immobbli, u dan ma jistax jissussisti b'mod indiviż u jista' biss jkun validu jekk l-oġġett fl-interezza tiegħu jkun jista' jiġi soġġett għal dan id-dritt, in-nullità neċessarjament tinvesti l-legat kollu. Interpretazzjoni differenti tmur ukoll kontra l-volontà ddikjarata tat-testatur, li mhux konċepibbli li qatt ried li l-użu u l-abitazzjoni tal-fond jiġi gawdut indiviżament mal-ko-proprejetarji l-oħra, l-atturi. Infatti l-iskop tal-legat kien proprju li jagħti l-esklussività tat-tgawdija lill-konvenuta, martu.

Dan l-aspett tal-kawża seta' ippresta ċerta diffikoltà, avolja l-liġi hi ċara u ma tħallix lok għall-interpretazzjoni, kif hi wkoll kostanti l-ġurisrudenza. Tali diffikoltà, però, ġiet għal kollox evitata bin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta li effettivament issottoskriviet dawk li huma l-prinċipji legali aċċettati in materja. Hi taqbel li n-nuqqas ta' dikjarazzjoni espressa, rikjesta mil-liġi, timporta n-nullità tal-legat. "L-esponenti għalhekk għamlet nota mill-ewwel bil-konoxxenza tagħha illi **disposizzjoni simili mingħajr id-dikjarazzjoni espressa tikkomina n-nullità"**.

Biex tovvja għal dan l-ostakolu insormontabbli, il-konvenuta qed tikkontendi illi "il-każ in diżamina mhux il-legat kif pretiż mill-atturi". Tikkontendi illi d-disposizzjoni testamentarja m'hijiex il-"legato di cose altrui" kif qed jippretendu l-atturi, imma t-testatur ried biss "jiggrava l-eredità b'piż illi jikkonsisti filli 'vita durante' tal-konvenuta, hija tgawdi d-dritt ta' użu u abitazzjoni". *Il-konvenuta donnha wkoll qed takkampa l-*eċċezzjoni tagħha fuq is-sottomissjoni illi d-dritt ta' l-użu u abitazzjoni ma jistax ikun l-oġġett ta' legat, inkwantu "ma jiddisturbax l-eredità ta' Carmelo Borg fis-sena illi fil-mewt tiegħu

l-propjetà għaddiet għand uliedu, filwaqt li d-dritt ta' l-użu u l-abitazzjoni huwa 'vita durante' u mhux oġġett li jittrasmetti proprjetà''. Din it-teżi hi għal kollox insostenibbli u in parte inkomprensibbli. Il-qorti tagħmel dawn il-konsiderazzjonijiet fost ħafna li jokkorru:-

a. Hi regola fondamentali ta' l-interpretazzjoni tat-testmenti li dawn jesprimu l-intenzjoni u l-volontà tat-testatur u jekk huma ċari u univoċi, ma jippermettux interpretazzjoni oltre dak li huma iddisponew. Mhux permess għal ġudikant li jissostitwixxi l-ġudizzju tiegħu għal dak tat-testatur, għalkemm għandu d-dritt sovran li jinterpreta l-volontà tiegħu. Il-Baudry Lacantinerie fondamentali fil-poter ta' ġudikant li jinterpreta l-volontà tat-testatur:

*''La prima e' questa, che sotto protesto d'interpretare la volontà del testatore, i giudici non giungano fino a creare questa volontà,* ***tenendo per acquisite indicazioni che in realtà il testamento non fornisce....''***

*''La seconda limitazione che si deve segnalare e che i giudici sotto parvena di interpretare la volontà del testarore* ***non posso permettersi di snaturala****, disconcoscendo le indicazioni e le determinazioni che rizultano dal testamento'' (Delle Donazioni fra Vivi e dei Testamenti Vol. II, pg. 3 et seq);*

Fil-każ in eżami ma tirriżulta l-ebda ambigwità fil-volontà tat-testatur. Qal ċar u tond, xi xtaq iħalli lil-martu u r-raġuni għaliex ried jiffavoriha fil-legat in kwistjoni;

b. Hu ċar ukoll illi kieku t-testatur ried jimponi xi obbligu fuq uliedu illi jħallu lit-tieni mara tiegħu tibqà toqgħod fid-dar

mertu tal-legat, hu kien jgħid hekk. Setà għamel dan b'diversi modi, bħal per eżempju, billi jikkondizzjona l-istituzzjoni ta' uliedu bħala eredi tiegħu għal dana l-obbligu. Dana però ma għamlux. Deherlu li kellu jħalliha l-legat dirett ta' l-użu u ta' l-abitazzjoni tagħha avolja l-fond ma kienx kollu tiegħu. Mill-banda l-oħra, lanqas tagħmel wisq sens is-sottomissjoni tal-konvenuta illi "id-decujus ried jiggrava l-eredità tiegħu u allura għal din il-kwota relevanti, li tappartjeni *lill-eredi 'l-atturi*, dan il-piż ma kienx ikollu effett;

Jekk imbgħad il-konvenuta qed issostni illi l-eredi kellhom ibatu dan il-piż fuq ħwejjiġhom, bħala kondizzjoni ta' l-eredità allura tali kundizzjoni trid tkun mhux biss *espressa*, imma trid tirriżulta ċara l-komminazzjoni tad-dekadenza mill-eredità jekk l-eredi ma jirrispettawx il-volontà tat-testatur. Dan kollu qed jingħad biex tiġi llustrata l-inattendibilità tas-sottomissjonijiet tal-konvenuta fir-rigward;

ċ. Il-konvenuta wkoll donnha qed tissottometti li d-dritt ta' użu u abitazzjoni ma jista' jkun l-oġġett ta' legat in kwantu "ma hemm ebda trasmissjoni ta' proprjetà u t-trasmissjoni tal-proprjetà hija ċentrali fin-nozzjoni tal-legat u t-trasmissjoni tal-proprjetà b'legat. Sfortunatament il-konvenuta ippersistiet li tenunċja serje ta' trasferiment jew prinċipji legali korretti li tapplika skorrettement għall-fatti tal-każ. Waqt li hu veru li legat jippresupponi t-trasmissjoni ta' proprjetà, hu ovvju li l-kelma proprjetà tinkorpora dawk il-beni kollha elenkati fil-Kodiċi Ċivili taħt it-Taqsima I tat-Tieni Ktieb, Titolu I "Fuq il-Beni u x-Xorta Tagħhom";

Artikolu 307: "Il-ħwejjeġ kollha illi jistgħu jkunu *l-oġġett*

**ta' proprjetà** pubblika jew privata, **huma beni mobbli jew immobbli''**, Artikolu 310: ''Huma beni immobbli minħabba l-ħaġa li għandhom x'jaqsmu magħha (b) il-jedd ta' użufrutt jew **ta' użu ta' immobbli u l-jedd ta' abitazzjoni''**. Ma hemmx dubbju għalhekk li dan id-dritt hu beni immobbli fih innifsu, hu oġġett ta' proprjeta' li jistà jiġi akkwistat u trasmess liberalment, bħal kull beni oħra fil-limiti imposti fil-liġi u konsegwentement jista' ikun l-oġġett ta' disposizzjoni testamentarja;

''*Possono formare oggetti di legato tutte le cose che sono in commercio, le* ***cose*** *mobili e le immobili, le cose corporali e le incorporali. Una condizione chè necessaria è cioè che essi siano trasmissibili ereditariament: perciò un uzufruttuario* (li spiss hekk isir tramite disposizzioni testamentarja) *non potrebbe cedere il suo diritto di uzufrutto giacche questo diritto si estingue con lui''*. (Boudry Lancanterie ibid 285 et seq);

Mhux il-każ li wieħed jiddilunga oltre fuq l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuta li qed jiġu miċħuda....

*Omissis;*

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi l-kawża billi, tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konventua u tilqà t-talbiet ta' l-atturi kif dedotti, tagħti d-dikjarazzjonijiet fihom mitluba u tikkundanna lill-konvenuta biex fi żmien xahrejn mil-lum tiżgombra mill-fond 157, Bridge Street, Mosta, li qed tokkupa bla titolu u tħallieh liberu u frank u favur ta' l-atturi;**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuta'';**

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-istess Doris armla ta' Carmelo Borg ippreżentata fit-23 ta'Ottubru, 1991, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tiċħad it-talbiet attriċi u tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha;

Rat ir-risposta ta' l-atturi ppreżentata fit-12 ta' Novembr, 1991, fejn huma qalu li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti hija ġusta u timmerita konferma;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet il-partijiet tramite d-difensuri tagħhom;

Ikkunsidrat;

Irriżultaw dawn il-fatti mhux ikkontestati. Missier l-atturi li kien jismu wkoll Carmelo Borg iżżewweġ l-ewwel lil Josephine Gatt u minn dan iż-żwieġ kellu erbat itfal, l-atturi f'din il-kawża. Josephine Gatt, u ċjoè l-ewwel mara tal-mejjet Carmelo Borg mietet fid-19 ta' Lulju, 1968, u wara ċertu żmien l-istess Carmelo Borg reġà żżewweġ lil Doris Baldacchino li dak iż-żmien kienet xebba, fit-2 ta' April, 1977, liema Doris Baldacchino hija l-konvenuta f'din il-kawża. L-istess Carmelo Borg miet f' Jannar ta' l-1985. Dawn il-fatti huma kollha dokumentati b'ċertifikati taż-żwieġ u tal-mewt;

Din il-kawża tirrigwarda l-fond jew ċjoè aħjar il-fondi għar-raġunijiet li se jiġu spjegati, 157 u 159, Bridge Street, il-Mosta. Jirriżulta mill-provi li nofs il-fond 157, Bridge Street, il-Mosta, kien jappartjeni lill-mejta Josephine Gatt, u ċjoè l-ewwel mara ta' Carmelo Borg u kien ġie trasmess lilha permezz ta' wirt u kien għalhekk proprjetà parafernali tagħha. In-nofs l-ieħor ta'

l-istess fond 157 inxtara waqt iż-żwieġ bejn Carmelo Borg u Josephine Gatt, mingħand hu Josphine Gatt u ċjoè Tommaso Gatt fid-9 ta' Jannar, 1965, fl-atti tan-Nutar Dr. Francis Micallef;

Għaldaqstant, ma tidhirx li hemm kontestazzjoni li fil-mewt ta' Josephine Gatt tlieta minn kull erbà partijiet ta' dan il-fond kienu jappartjenu lill-eredi tagħha waqt li wieħed minn erbà partijiet kien jappartjeni partjeni lill-mejjet Carmelo Borg. Skond it-testment ta' l-istess konjugi Borg magħmul fit-22 ta' Mejju, 1968, fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Abela, il-partijiet fis-sitt artikolu ħallew bħala eredi universali tagħhom lill-erbà ulied li huma kellhom, u ċjoè l-atturi f'din il-kawża. U għalkemm li fit-tieni artikolu ta' l-istess testment huma taw lil xulxin il-fakultà li jvarjaw it-testment, din il-fakoltà kienet limitata biss għall-ġid tiegħu jew tagħha proprju, skond il-każ. Wara li mietet l-ewwel mara, però qabel ma żżewweġ għat-tieni darba, Carmelo Borg xtara r-remissa li tinstab fin-numru 159, Bridge Street, Mosta. Dan sar fis-27 ta' Settembru, 1974, fl-atti tan-Nutar Dr. Maurice Gambin....

*Omissis;*

Jirriżulta wkoll illi sew qabel it-tieni żwieġ, sew tul-it-tieni żwieġ saru diversi miljoramenti fuq dan il-fond li għal kull buon fini sar fond wieħed b'bieb wieħed, għalkemm kif xehdu sew l-atturi, kif ukoll il-konvenuta, il-bieb sekondarju li kien jagħti għar-remissa, u ċjoè għan-numru 157, dejjem baqa' eżistenti;

Qabel ma miet, u ċjoè f'Jannar 1985, il-mejjet Carmelo Borg għamel testment ieħor unica charta, din id-darba mat-tieni mara tiegħu, fl-atti tan-Nutar Dr.Francis Micallef. Fl-ewwel

artiklu ta' dan it-testment magħmul fis-17 ta' Jannar, 1985, il-konjuġi Borg jgħidu hekk;

Fil-fatt biex wieħed ikun aktar preċiż, minkejja li dan huwa testment unica charta, l-ewwel artikolu hija disposizzjoni li kienet tikkonċerna lit-testatur Carmelo Borg biss u dan l-ewwel artikolu jgħid hekk:-

"It-testatur iħalli b'titolu ta' legat lil martu dritt ta' l-użu u abitazzjoni gratwita fid-dar ta' abitazzjoni tagħhom numru mija sebgħa u ħamsin (157), Bridge Street, il-Mosta, in vista ta' l-ispejjeż li l-istess martu Doris Borg għamlet fl-imsemmija dar tul ħajjitha kollha";

Peress li hawn qegħdin nitkellmu fuq l-istitut ġuridiku ta' l-użu u abitazzjoni kif provvdut fl-artikli 389 et sequitur tal-Kodiċi Ċivili qegħdin hawnhekk nitkellmu fuq id-dritt ta' l-użu u abitazzjoni huma kliem *'di mero stile'* għax id-dritt ta' użu ta' dar huwa l-istess dritt bħal dik ta' abitazzjoni u dan kif ipprovvdut fl-artikolu 392 sub-artikolu 2 ta' l-istess Kodiċi;

Mil-fatti s'issa esposti jidher li dan huwa każ ċar tal-legato di cosa altrui' fejn koppja miżżewġa jħallu jew id-dritt ta' abitazzjoni jew l-użufrutt lil xulxin ta' affarijiet li ma jkunux *proprjetà assoluta tagħhom*;

Dwar il-'legato di cosa altrui' hekk jipprovdi l-artiklu 696 tal-Kodiċi Ċivili tagħna;

"Il-legat tal-ħaġa ta' ħaddieħor ma jiswiex ħlief jekk ikun hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf illi l-ħaġa kienet ta' ħaddieħor u mhux tiegħu. F'dan il-każ, il-werriet jistà jagħżel

jew li jakkwista l-ħaġa mħollija b' legat sabiex jgħaddiha lil-legatarju jew li jħallas lil-legatarju l-valur ġust."

Din id-dikjarazzjoni speċifka t-testatur Carmelo Borg ma għamilhiex. Minkejja li kien jaf, jew wieħed jippreżumi li missu kien jaf, li l-legat li kien qiegħed iħalli lit-tieni mara tiegħu ma kienx proprjetà assoluta tiegħu. Id-dikjarazzjoni li l-liġi tgħid hija neċessarja skond dak l-artiklu għandha ssir ukoll skond l-artiklu 697 fejn l-oġġett li qed jiġi mħolli bħala legat huwa proprjetà ta' l-eredi kif inhu fil-każ preżenti;

Ta' rilevanza f'din il-kawża huwa wkoll l-artikolu 698 tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi hekk:-

"Jekk it-testatur ikollu biċċa minn ħaġa mħollija b'legat jew jedd fuq din il-ħaġa, il-legat jiswa biss għal dik il-biċċa jew għal dak il-jedd kemm il-darba ma jkunx hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf il-ħaġa ma kinitx kollha tiegħu."

Din id-dikjarazzjoni fit-testment li qed jiġi eżaminat lanqas ma saret mit-testatur, Carmelo Borg;

Jidher minn noti ta' l-osservazzjonijiet li ppreżentaw iż-żewġ partijiet kif ukoll mill-atti li huma ppreżentaw quddiem il-Qorti ta' l-Appell li jaqblu fuq il-konċetti legali ta' xi jfisser il-'*legat di cosa altrui*' u għal dawk iċ-ċirkostanzi li għalihom jista' jwassal. Jidhru li jaqblu wkoll li d-dritt ta' abitazzjoni huwa dritt la ma jistax jiġi gawdut b'mod indiviż minn partijiet differenti;

Għal dawn ir-raġunijiet ma jkunx utli, ħlief mod purament akkademiku, li wieħed jikkwota sentenzi preċedenti ta' dina l-Onorabbli Qorti u awturi stranjeri fejn dawn il-prinċipji ġew

enunzjati u dan, din il-Qorti, mhix serja tagħmlu;

Din il-qorti tqerr li sabet ċertu diffikultà biex din tifhem l-aggravji tal-konvenuta appellata u tikkwardhom f'termini legali. Però jidhru li dawn l-aggravji huma bażikament tlieta;

L-ewwel issostni li peress li d-dritt ta' użu u abitazzjoni ma jittrasmettix proprjetà piena allura m'hijiex soġġetta għal dawk id-disposizzjonijiet li l-liġi tipprovdi dwarhom fuq il-legati u dak għalhekk li ried jagħmel it-testatur kien mhux li jħalli legat ta' '*cosa altrui*' imma li jissoġġetta l-eredità tiegħu għal piż jew kundizzjoni;

Din il-Qorti ma tantx tistà taqbel ma' din l-argumentazzjoni. Id-dritt ta' l-użu u ta' l-abitazzjoni huma drittijiet reali kif ipprovvdut fl-artiklu 393 tal-Kodiċi Ċivili. Jiġu akkwistati u jintilfu bl-istess mod kif jiġi akkwistat u jintiret l-użufrutt skond kif ipprovvdut fl-artiklu 389 tal-Kodiċi Ċivili. Ħadd ma jistà jgħid li d-dritt ta' l-użufrutt m'huwiex soġġett li jiġi mħolli bħala legat. Huwa ċar ukoll skond l-artikoli 307 u 310 ta' l-istess Kodiċi Ċivili li dan id-dritt huwa kkonsidrat mil-liġi tagħna bħala "proprjetà" u għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-argument m'għandux sostanza legali;

Dwar it-tieni aggravju din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li qalet l-Onorabbli Prim'Awla li tgħid hekk:-

"Jekk imbgħad il-konvenuti qed isostnu illi l-eredi kellhom ibatu l-piż fuq ħwejjiġhom, bħala kundizzjoni ta' l-eredità, allura tali kundizzjoni trid tkun mhux biss espressa, imma trid tirriżulta ċara d-dekadenza mill-eredità jekk l-eredi ma jirrispettawx il-volontà tat-testatur."

Jonqos għalhekk l-aggravju li l-attur, Carmelo Borg ma kienx awtorizzat jirrappreżenta lil ħuh Victor. Dwar dan, l-ewwel Qorti qalet li minkejja li l-prokuri esebiti mill-atturi kienu *difettużi fil-forma, il-Qorti ma kinitx sodisfatta illi tali mandat* ma ngħatax mill-istess Victor Borg. Fuq dan, din il-Qorti trid iżżid billi tagħmel riferenza għall-artikoli 1856 u 1857 (sub-artikolu 2 partikolarment) tal-Kodiċi Ċivili Kapitlu 16 fejn il-Kodiċi jitkellem dwar il-mandat. Minn dawn l-artikoli jidher ċar il-mandat skond il-liġi tagħna jista' jingħata anke verbalment jew anke b'mod taċitu. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-attur ipprova bix-xhieda tiegħu kif ukoll bl-iskritturi li hu esebixxa li hu fil-fatt kellu dan il-mandat biex jaġixxi għan-nom ta' ħutu imsefrin u *l-prova kuntrarja fuq dan kellha tinġab mill-konvenuta u ma* nġabitx. Però forsi iktar importanti minn hekk huwa dak li qalet l-ewwel Qorti, li din il-Qorti taqbel perfettament miegħu,

."Hu ċar li biex jiġi impunjat legat ma hux meħtieġ li l-azzjoni ssir mill-eredi kollha";

Din il-Qorti taqbel aktar ma' dan ir-raġunament stante li wieħed mill-eredi huwa wkoll proprejtarju tal-fond in kwistjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata;

Jibqa' però d-diffikoltà tal-fond 159 li ġie akkwistat wara l-mewt ta' l-ewwel mara ta' Carmelo Borg kif ukoll il-miljoramenti li saru fuq il-fond 157, mill-mewt tagħha. Dwar dan l-ewwel Qorti qalet hekk:-

"*Hu ovvju illi meta l-legat qed jitkellem dwar il-fond 157,* Bridge Street, Mosta, li minnu l-atturi għandhom kwota indiviża

ta' tliet kwarti (3/4) provvenjenti mill-wirt ta' ommhom, dan għandu *jittieħed li jfisser bl-ambjenti li hu kien jinkorpora fih* fil-mument tal-mewt ta' ommhom Ġiuseppa Borg, meta allura ipprevena lill-atturi. Ma għandhux ikun hemm diffikoltà li jiġi *stabbilit dan materjalment*. In vistà ta' din l-eċċezzjoni u biex il-Qorti tassigura l-esekuzzjoni tas-sentenza tagħha, qed tirriserva lill-kontendenti d-drittijiet tagħhom f'dan ir-rigward'';

Din il-qorti taqbel ma' dan is-sentiment li huwa l-istess sentiment li wera l-mejjet, Carmelo Borg, meta fil-fatt ħalla l-legat lil martu Doris għax jgħid li dan ħallihulha minħabba miljoramenti li hija għamlet fuq il-fond. Però, *din il-Qorti tixtieq* tmur oltre dak li qalet il-Prim'Awla u dan fejn jirrigwarda l-fond 159. Jidher li dana l-fond għad għandu bieb seperat u allavolja sar wieħed mal-157 għall-konvenjenza tal-konjugi Borg għad għandu entità fiżika tiegħu. Jidher ukoll li minħabba, però, il-fuzjoni li saret, l-intenzjoni tat-testatur kienet li jħalli legat ta' dan il-fond ukoll;

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda tagħmilha ċara, li sa fejn huwa possibbli din is-sentenza għandha tirrigwarda biss in-numru 157 u *mhux in-numru* 159 liema proprejtà kienet parafernali tal-mejjet Carmelo Borg, u li għalhekk id-disposizzjonijiet dwar il-legato *di cosa altrui* li jinstabu fil-liġi ma japplikawx għal din il-proprjetà;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-konvenuta appellata.